- *azzjoni redibitorja – sadid fil-frame ta' motorcycle*
- *bidu tad-dekorrenza tat-terminu*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 7 ta' Dicembru 2021.**

**Rikors Nru. 90/2021 GM**

**Jonathan Haber [K.I Nru. 181986M] u b' digriet tal-20 ta' Mejju 2021 Rodianne Haber [K.I. Nru 181989M] żdiedet fl-okkju bħala attrici**

**vs**

**Muscats Motors Limited [Reġ. Nru. C420] u**

**United Acceptances Finance Limited [Reġ. Nru. C360]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Jonathan Haber [K.I. Nru. 181986M] li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> Lejn nofs is-sena 2019, ir-rikorrenti xtara u rċieva mingħand is-soċjetajiet intimati l-mutur tal-marka BMW E-Series F 750 GS bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni BGS-750 għall-prezz aħħari ta' erbatax-il elf, tmien mija tnejn u disgħin ewro (EUR 14,892.00), taħt kuntratt ta' hire purchase fejn

sal-ġunata preżenti tħallas l-ammont ta' disat elef, mitejn u tlieta u sebgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (EUR 9,273.92).

Tali mutur ġie kkunsinnat lir-rikorrent bħala mutur ġdid fjamant, mingħajr mili, jew użu preċedenti, taħt garanzija ta' sentejn (2) bħala Mechanical Warranty u kif ukoll garanżija ta' tnax-il sena (12) bħala Anti-Perforation Warranty.

Ġara li meta l-attur kien ser jaħsel il-mutur għall-ewwel darba, innota illi l-istess mutur kellu raxx ta' sadid f' partijiet li jinsabu wara l-magna u li ġie hekk kunsinnat b' sadid mal-*frame* tiegħu, raxx ta' sadid li ma kienx u ma setax ikun immedjatament evidenti għar-rikorrenti.

Wara illi saret komunika mal-intimati u rappreżentanti tal-istess soċjetajiet l-attur ma kienx għadu ċert jekk din kinetx xi ħaġa 'normali' jew jekk dan kinetx insertatura ta' difett latenti fil-mutur tiegħu. Kien għalhekk illi l-attur ħa l-mutur għand esperti tekniċi f'dan ir-rigward sabiex isir jaf akar fuq dak li kien innota. Irriżulta lejn l-aħħar ta' Awwissu, bidu ta' Settembru tas-sena 2020, illi effettivament dan kien difett latenti serju. Dan allura renda l-mutur mhux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet preċedentement miftehma bejn il-partijiet.

Dan id-difett tas-sadid ma ġiex u ma setax isir magħruf qabel ma saret l-ispezzjoni ad hoc kien għalhekk illi dan ma seta' qatt jiġi nnutat mal-kunsinna tal-mutur mis-soċjeta' intimata lir-rikorrent.

Dan kollu kkawża danni lill-esponent, fosthom illi mill-mument illi nduna l-attur ma reġax uża l-mutur u sabiex jassikura ruħu li jippreżerva l-mutur fl-istat li fiħ kien meta nnota d-difett latenti u dan kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

Ir-rikorrent ġab il-premess a konjizzjoni tas-soċjeta' intimata diversi drabi, fejn fil-bidu beda jikkomunika mar-rappreżentanti tas-soċjeta` intimata dwar dak li nnota, umbagħad wara laqgħat speċifiki li kkomunika li kien ben konxju li l-mutur kien afflitt minn difetti latenti. Nonostante tali tentattivi sabiex il-problema tad-difett tiġi riżolta, is-soċjeta' intimata ma offriet l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti minkejja illi l-problema kompliet tiggrava u dan għaliex is-sadid kompla jiżdied b'mod allarmanti.

L-unika soluzzjoni illi offriet is-soċjeta' intimata kienet illi tirtokja s-sadid permezz ta' pinzell mingħajr ma jiġi effitavment maqlugħ il-*frame* tal-mutur. In vista ta' dan, ir-rikorrent ħa l-parir ta' żewġ profesjonisti f'dar-

rigward u t-tnejn li huma debitament infurmawh illi s-soluzzjoni offruta mis-soċjeta' intimat hija waħda frivola u dan għaliex bil-perkors propost, il-problema tas-sadid mhux ser tiġi trattata fuq livell manifatturali iżda b' mod kozmetiku, b' ċertezza illi s-sadid ser jerġa' joħroġ fi żmien qasir.

In vista tal-fatti sopradedotti, ir-rikorrenti ġarrab danni estensivi f' inter alia miżati tal-profesjonisti hawn fuq imsemmija sabiex effetivament jiddetermina l-iskala u n-natura tad-difett msemmi.

Inoltre, ir-rikorrenti ġie wkoll mċaħħad mill-godiment taI-mutur fejn inter alia kellu jikkanċella mawra f'pajjiż esteru illi kienet proprju intiża sabiex jinstaq u jitgawda l-mutur.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-mutur mibjugħ lir-rikorrenti, cioe` dak tal-marka BMW E-Series F 750 GS bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni BGS-750, kien afflitt minn difett latenti ta' sadid, u li allura rendew il-mutur mibjugħ mhux konformi mal-kwalita' pattwita;

2. Tiddikjara inoltre li s-soċjeta' intimata kisret l-kundizjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgħ u l-kunsinna tal-mutur tal-marka BMW E-Series F 750 GS bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni BGS-750;

3. Tiddikjara illi s-soċjetajiet intimati jew min minnhom ma fornewx rimedju addattat jew jekk fornew, ma kienx skont is-sengħa u l-ħila idoneja f'dan ir-rigward;

4. Tiddikjara ulterjorment illi soċjetajiet intimati, jew minn minnhom huma konsapevoli li tali mutur suġġett ta' din il-kawża kien afflitt minn diffett latenti li ma jrendix il-mutur skont il-kwalita' pattwita;

5. Tirrixxendi l-bejgħ tal-istess mutur, u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti jrodd lis-soċjeta' intimata l-mutur tal-marka BMW E-Series F 750 GS bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni BGS-750, b'dana pero` illi fl-istess waqt tikkundanna lis-soċjeta' intimata trodd lura lir-rikorrenti s-somma komplessiva mħallsa sad-data tad-deċiżjoni tal-preżenti kawża, u, jekk ikun il-każ, tħoll lir-rikorrent mir-rabta kuntrattwali illi huwa għandu mas-soċjeta' intimata permezz ta' liem huwa obbligat li jħallas il-bilanċ illi jista' jkun fadal sabiex effetivament tiġi mħallsa s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, tmien mija tnejn u disgħin ewro (EUR14,892.00) għall-akkwist tal-mutur;

6. Tiddikjara illi s-soċjeta` intimata għandha twieġeb għad-danni mġarrba mir-rikorrenti ħtija tal-intimati kif fuq intqal, tillikwida l-istess danni, okkorrendo, bl-opera ta' periti nominandi, u tordna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas id-danni u spejjez hekk likwidati, inkluz iżda mhux limitatament ir-rifużjoni tal-flus imħallsa konnessi u involuti mal-evalwazzjoni professjonali tal-mutur, il-mandat ta' sekwestru ad hoc, u ħlas marbut maċ-ċedola ta' depożitu tal-mutur sabiex l-attur jeżima ruħu mir-responsabilita' tal-mutur.

Bl-imgħax legali minn meta sar dovut u bl-ispejjeż.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' United Acceptances Finance Limited (C360) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. M'għandhiex titqies bħala l-leġittimu kontradittur f'din il-kawża minħabba l-fatt illi mhux is-soċjeta` esponenti biegħet il-vettura in kwistjoni lill-attur, u għalhekk hija m'għandhiex twiegeb għall-allegat danni jew kwalunkwe allegati difetti latenti illi l-attur qed jirreferi għalihom.

2. Ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq Artikolu 1424 ta' Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema azzjoni hi dekaduta ai termini tal-Artikolu, 1431, tal-istess Kodiċi Ċivili.

3. Din l-azzjoni ma tistax tiġi akkolta, stante illi l-azzjoni ma ġietx ippreżentata mill-partijiet kollha li xtraw il-mutur in kwistjoni, u għaldaqstant ir-rikorrenti fi kwalunkwe każ ma jistax jitlob ir-rexxisjoni tal-bejgħ.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Muscats Motors Limited (C 420) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-attur jibbaża t-talbiet tiegħu fuq Artikolu 1424 ta' Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema azzjoni hija dekaduta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-istess Kodiċi Ċivili.

2. Din l-azzjoni ma tistax tiġi akkolta, stante illi l-azzjoni ma ġietx ippreżentata mill-partijiet kollha li xtraw il-mutur in kwistjoni, u għaldaqstant ir-rikorrenti fi kwalunkwe każ ma jistax jitlob ir-rexxisjoni tal-bejgħ.

3. Il-mutur in kwistjoni ma kien fih l-ebda difett moħbi.

4. Il-kawża hija vessatorja u malizzjuża billi s-soċjeta` esponenti offriet lir-rikorrenti diversi soluzzjonijiet, liema soluzzjonijiet ġew respinti interament mingħajr ebda raġuni valida.

5. L-allegat difett in kwistjoni ġie kkawżat minħabba ċirkustanzi attribwibbli lill-istess rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari bil-fakolta` li jiġu ppreżentati noti ta' sottomissjonijiet.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet kontendenti.

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

L-attur xtara l-mutur fis-6 ta' Ġunju 2019.

Meta mar jaħsel il-mutur għall-ewwel darba, innota li kellu raxx ta' sadid f'partijiet li jinstabu wara l-magna.

Skont Dione Spiteri, service manager tal-konvenuta, l-attur mar jilmenta l-ewwel darba madwar Mejju 2020. Ix-xhud fetaħ l-ewwel rapport dwar l-ilment fit-22 ta' Ġunju 2020[1]. Spiteri nforma lil persuna addetta mal-BMW li ppruvaw

[1] Fol 33

ineħħu s-sadid iżda ma rnexxilhomx. Infurmah li l-klijent ried jaqla' l-*frame* tal-mutur. It-tweġiba kienet li dan jista' joħloq iktar problemi. Ġie suġġerit li l-parti msadda tinżebagħ. F'xi żmien wara Spiteri nforma lill-attur li skont ċertu Robert, tekniku tal-BMW is-sadid kien fil-wiċċ biss u seta' jitnaddaf. Mistoqsi jekk għaddewx ix-xhur mid-data tar-rapport meta sar dan id-diskors; u jekk kienx sar f'Novembru 2020, ix-xhud qal ma ma jiftakarx.

L-attur esebixxa rapport ta' Anthony Mizzi, surveyor, datat 26 ta' Novembru 2020[2] li kiteb hekk:

> *"After inspecting the above motorcycle, it was noted that in certain areas there are rust traces. These areas need to be treated and re sprayed. At this stage I cannot confirm if there are any other areas on the frame of the motorcycle with similar rust issues, since motorcycle is not dismantled. In my opinion all frame should be treated for rust and not patched"*

It-tieni rapport fit-22 ta' Jannar 2021. Infurmah li l-klijent irrifjuta li jnaddaf is-sadid u jiżbogħ. Żdied is-sadid mill-ewwel rapport; il-klijent "*is insisting that the reason for the rust is due to problem during the painting process and therefore a touch up paint will not solve the problem*."[3] Robert kiteb hekk:

> *Robert Karl,*
>
> *Dear Dione,*
>
> *I thank you for sending me the documentation of the complained areas on the frame of this bike.*
>
> *Alter investigating all pictures I come again to the conclusion that it must be a surface rust that can be cleaned.*

[2] fol 98
[3] fol 43

*There a small points where you can use a touch up paint if the customer wants to have this. A cause for this surface rust usually is irregular cleaning of the bike (important after riding on gravel road, off road and near the sea). Using a wrong cleaner increases this effect. Other rust spots can show when you have stone chips damages from riding the bike.*

*In the service history of the bike I see only one service that was done at official BMW dealer. Please remind the customer that also yearly inspection needs to be done not only service because of the mileage.*

*I suggest to recommend the customer to some to the BMW dealer. You should check the situation, do the yearly inspection and clean or touch up the affected areas.*

*Best Regards*

*Robert.*

Jirriżulta li fuq il-*frame* tal-mutur l-attur innota s-sadid li biż-żmien kompla jiżdied. Huwa nforma b'dan lill-bejjiegħ li min-naħa tiegħu irrakkomanda li jsir *patching* billi l-partijiet fejn ħareġ is-sadid jinbarxu u jinżebgħu. L-attur ħa parir ta' persuna teknika li kkonkludiet li biex jiġi kkonstatat jekk kienx hemm sadid f'partijiet oħrajn, jinħtieġ jiżżarma l-*frame*. Ma qabilx li kellu jsir *patching* imma li l-*frame* kollu jiġi ttrattat kontra s-sadid. It-tekniċi tal-bejjiegħ ma qablux li għandu jiżżarma l-frame għaliex skonthom setgħet issir iktar ħsara. Attribwew bħala possibbli kawża tas-sadid l-użu ta' cleaner mhux addattat partikolarment wara li jkun hemm żrar li jolqot lill-mutur inkella l-mutur jinstaq ħdejn il-baħar.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalkemm tfaċċa s-sadid, għad mhix magħrufa l-kawża tiegħu – jekk hix minn użu ħażin mill-attur inkella difett li kien hemm, moħbi,

meta ġie kkuntrattat il-bejgħ. Lanqas hija magħrufa l-gravita` o meno tiegħu; hix qiegħdha fuq in-naħa ta' barra biss tal-*frame* inkella hix ġewwa wkoll. Għalhekk ma jistax jingħad li l-perjodu dekadenzjali għadda qabel infetħet din il-kawża.

Jgħoddu għal dan il-każ l-osservazzjonijiet mill-Qorti tal-Appell (Kummerċjali) magħmula iktar minn mitt sena ilu[4]:

> *"Vi sono merci di tale natura, che l'esperimento della loro bonta` ed immunita` di vizi non sia assolutamente possibile che in certe condizioni determinate, nel quel caso il termine suddetto non dovrebbe in giustizia decorrere fino a che non sia sopravenuta tale possibilita`, qualunque sia la distanza che lo separi dalla consegna della merce".*

Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Qorti tal-Appell Kummerċjali li f'sentenza oħra ikkumentat dan li ġej:

> "Il-kliem 'minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett' għandhom ikunu nterpretati fis-sens li d-*dies scientiae* ma hux dak li fih tiġi nnotata jew riskontrata irregolarita` fil-funzjonament imma huwa dak li fih jiġi aċċertat id-difett. Dan hu partikolarment il-każ fil-bejgħ ta' konġenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata, bħal ma huma *washing machines, refrigerators,* etc, li llum il-ġurnata saru ta' użu domestiku komuni. Ma hux loġiku li wieħed jirritjeni li, malli x-xerrej jirriskontra xi irregolarita' fil-funzjonament, jikkonkludi li din l-irregolarita` hi difett… u fil-pront jistitwixxi l-azzjoni, imma jidher aktar loġiku li jingħad li, f'każi simili, stante l-possibilita` li si tratta, mhux ta' veru difett, imma ta' sempliċi irregolarita` faċilment riparabbli, ix-xerrej jirrikorri għall-bejjiegħ biex dan sia pure taħt il-garanzija li soltu tiġi rilaxxjata mal-bejgħ ta' attrezzi simili, jipprovdi għar-riparazzjoni"[5].

---

[4] Ettore Lucia v Tommaso Chevalier 21.01.1920 Corte di Appello Commerciale XXIV.i.981
[5] Maria Rosa Baldacchino v Edward Vincenti Kind noe. 18.10.1963 Appell Kummerċjali. Ara wkoll Carmelo Buttigieg v Eucharist Zammit 07.10.1997 Appell; Anton Grima v Anthony Fenech noe 06.10.1999 – iċċitati fl-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili, per. Imħ. Emeritus Philip Sciberras, Vol A. paġna 562

Is-sentenza suċċitata hija tas-sena 1963. It-teknoloġija ta' dak iż-żmien hija primittiva meta mqabbla ma' dik tal-lum u allura iktar u iktar il-konsumatur tal-lum ma jkunx f'qagħda li japprezza sewwa sew x'ikun mar ħażin fil-prodott li jkun xtara.

Interessanti wkoll il-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell li:

> "Id-*dies scientiae* hu dak li fih jiġi definittivament aċċertat id-difett. B'danakollu, hemm żgur pont fiż-żmien li fih l-iżvilupp progressiv tal-vizzju jista' jingħad li jkun laħaq effett kumulattiv li għandu raġonevolment jgħarraf lix-xerrej bl-eżistenza tiegħu, u minn dak il-punt jibda jitqies iż-żmien tal-azzjoni jew inazzjoni tal-istess xerrej għall-finijiet tal-Art. 1481 (illum 1431) Kod. Ċiv."[6]

B'konformita` ma' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, ma jirriżultax li l-eċċezzjoni tad-dekadenza tista' tintlaqa'.

L-eċċezzjoni l-oħra hija dwar in-nuqqas ta' leġittimita` passiva ta' United Acceptances Finance Ltd. Dwar din l-eċċezzjoni ma tressqux provi għajr kopja tal-kuntratt. L-ebda aċċenn ma sar għaliha fin-noti ta' sottomissjonijiet. L-eċċezzjoni hi fis-sens li mhix il-bejjiegħ. Dan huwa minnu. Min-naħa l-oħra hija parti fil-kuntratt flimkien mal-bejjiegħ u x-xerrej bħala *grantor of credit* billi l-kuntratt huwa wieħed ta' *hire-purchase*. Għalhekk filwaqt li t-talbiet tal-attur ma jolqtuhiex direttament, xorta waħda jistgħu jeffettwawha; anke għaliex qiegħed jintalab ix-xoljiment ta' kuntratt li tiegħu hija parti. Għal din ir-raġuni l-eċċezzjoni mhix sejra tintlaqa'.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta United Acceptances Finance Limited.

---

[6] Emmanuele Florian v Rosario Desira 09.06.1969 Appell Kummerċjali; ara wkoll: Carmelo Dimech v Francis Xuereb et 15.12.1997 Appell; Maria Vella v The Manager – Tarsons Ltd 05.07.2006 Appell Inferjuri (Għawdex).

(2) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta United Acceptances Finance Limited u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Muscats Motors Limited.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF